



Brussell, 20 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5237/21
ADD 1

LIMITE

PECHE 10
UK 11
N 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11418/20 INIT + ADD 1
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u mar-Renju tan-Norveġja għal ftehim dwar is-sajd - Adozzjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni, fid-dawl tal-urġenza li jibdew in-negozjati għas-sena 2021 u t-twettiq tal-obbligi skont l-UNCLOS, ma xxekkilk lill-Kummissjoni milli tibda n-negozjati abbażi tal-mandat trilaterali fil-mument li tqis xieraq fid-dawl tas-sitwazzjoni tan-negozjati mar-Renju Unit dwar is-sħubija ekonomika ġenerali u r-relazzjoni tas-sajd fil-ġejjieni mar-Renju Unit.

Il-Kummissjoni tqis li l-introduzzjoni tar-rekwiżit għal konsultazzjoni u rappurtar ittaqqal proċeduralment is-setgħat tan-negozjar tal-Kummissjoni u jirriskja li jħalli impatt negattiv fuq l-eżitu tan-negozjati. Rekwiżiti bħal dawn mhumiex parti mill-prattika proċedurali skont id-direttiva ta' negozjati għal ftehim dwar is-sajd ieħor ma' pajjiżi terzi fil-Grigal tal-Atlantiku.

Fid-dawl taż-żieda tal-Artikolu 43 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218 (3 u 4) tat-TFUE bħala bażi ġuridika, il-Kummissjoni tqis li huwa legalment żbaljat li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu ta' negozjati tindika bażi ġuridika sostantiva.

Id-Deċiżjoni li tawtorizza l-bidu ta' negozjati hija bbażata biss fuq l-eżistenza ta' setgħat konferiti tal-Unjoni u mhux fuq id-determinazzjoni ta' kompetenza speċifika. L-effett tagħha huwa limitat għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni jew lir-Rappreżentant Għoli, skont il-każ, biex jużaw il-prerogattivi tagħhom skont it-Trattati tal-UE sabiex jibdew in-negozjati. Għaldaqstant, l-ambitu ta' dawn in-negozjati huwa ddeterminat mill-ambitu tas-setgħat tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-libertà tas-sieħeb previst fit-trattat tal-Unjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ambitu tan-negozjati ma tistax tiġi limitata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu tan-negozjati. Għalhekk, il-bażi gjuridika preċiża għall-ftehim futur tista' tiġi determinata biss wara li l-kontenut tal-ftehim ikun magħruf.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.
